**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten',** 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
*Città Beland*
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 09/15. | taṡ-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013 | |
| **Data** | 10/09/15 fis-6.15pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi-Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| | | Amanda Abela | Preżenti fi 7.00pm |
| | | Joan Agius | Preżenti fi 6.50pm |
| | | Claude Camilleri | Preżenti |
| | | Raymond Caruana | Preżenti |
| | | Sean Chircop | Preżenti |
| | | Stephania Fenech | Preżenti fi 6.35pm |
| | | Joseph Hales | Preżenti |
| **Preżenti wkoll** | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | | Assistent Prinċipal Joanne Muscat | |

| **09.** | **1.** | | **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti** | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 09. | 1. 1 | | Proponent: Joe Hales<br>Sekondant: Sean Chircop | Il-Minuti 08/15 inqraw u ġew approvati nem.con bil-korezzjonijiet kif ġej | |
| | | 08.1.1 | Flok il-kliem Proponent Joe Hales jintnizel Proponent Raymond Caruana | | |
| | | 08.5.8 | Jiżdied il-kliem Jr wara l-isem Lino Psaila | | |
| | | 08.5.26 | Jiżdiedu il-kliem ta' quddiem Zoe | | |
| | | 08.5.30 | L-isem ta' triq jinbidel minn Triq San Gużepp ghal Triq Ħaz-Zabbar | | |
| 09. | 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

| **09.** | **2.** | | **Rapporti mill-Minuti** | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 09 | 2 1 | 08.2.11 | Viċi Sindku:- A+ Accesibility Award | Il-Viċi Sindku staqsiet jekk kellniex xi risposta rigward A+ Accesibility Award. Is-Segretarjat wieġeb fin-negattiv | Segretarju |
| 09 | 2 2 | 08.5.4 | Viċi Sindku:- Avviż fuq il-web site rigward il-ħmieġ | Il-Viċi Sindku staqsiet jekk l-avviż fuq il-web site rigward il-ħmieġ hux x'ser isir. Il-Kunsill qabel nem.con li dan ma jsirx. | Segretarju |
| 09 | 2 3 | 08.2.7 | Camilleri:- No parking fil-parti ta' San Girgor bejn k/m Triq San Piju X u k/m Triq Beland. | Camilleri saqsa f'hiex waslet din it-talba. Is Sindku wieġeb li dalwaqt ser isir. | Hales |
| 09 | 2 4 | 08.5.17 | Camilleri:- Triq it-Tempju | Camilleri saqsa f'hiex waslet din it-talba. Is Sindku wieġeb li dan ix-xogħol għadda f'idejn il-Ministeru u li t-tiswija ser isir min-naħa tad-Dipartiment ikkonċernat. Is-Segretarjat ser jerġa jikteb lil Ministeru rigward dan il-każ. | Segretarju |
| 09 | 2 5 | 08.5.11 | Caruana: Housing Est ta' Ħal Tmin | Caruana saqsa jekk kienx hemm xi risposta fuq iċ-ċnut tal-Housing Est ta' Ħal Tmin. Is-Sindku wieġeb li ser jerġaw jaraw l-iskema kif ser taħdem. Is-Segretarjat ġie inkarigat li jieħu ritratti ta' ċnut u jintbagħtu l-Housing. | Segretarju |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 2 | 6 | | 08.5.13 | Caruana: Talba għal-laqgħa bejn l-għaqdiet | Caruana saqsa meta ser isir din il-laqgħa. Is-Sindku informa lil Kunsill li saret laqgħa bejn tal-Għarmar, l-Knisja u l-Kunsill. Waqt din il-laqgħa intlaħaq ftehim fuq l-Għarmar kif ikoll għal Żejt iż-Żejtun. Caruana propona li dan il-ftehim isir bil-miktub. Agius infurmat il-Kunsill li qed isiru laqgħat fuq Żejt iż-Żejtun. | Sindku |
| 09 | 2 | 7 | | 08.2.1 | Chircop:- Memo 11/2015 | Chircop saqsa jekk il-Kunsill ġiex infurmat b'xi ħaġa fi rigward tan-niċċa ta' San Ġużepp. Is-Sindku wieġeb li talbuna site plan. | Chircop |
| 09 | 2 | 8 | | 08.5.5 | Chircop:- Triq l-Iskola | Chircop informa lil Kunsill li qed terġa tidħol id-drawwa li l-iskart jinġabar fil-kantuniera. Hales ser jieħu ħsieb li jinforma lil-Kuntrattur. | Hales |
| 09 | 2 | 9 | | 08.5.6 | Chircop:- Triq Dun Spir Grixti | Chircop staqsa fuq jekk hux x'ser jitneħħa ż-żrar minn Triq Dun Spir Grixti. Is-Sindku wieġeb li din it-triq hemm bżonn li isir mill-ġdid u li ser titniżżel fil-lista ta' toroq li jridu isiru fi Tender li ħarġet. | Sindku |
| 09 | 2 | 10 | | 08.5.8 | Chircop:- Treasure Hunt | Chircop informa lil Kunsill li t-Treasure Hunt saret u li kienet suċċess. | Chircop |
| 09 | 2 | 11 | | 08.2.5 | Hales:- Żbir ta' siġar | Hales informa lil Kunsill biex meta isir xi lment rigward żbir ta' siġar u qtugħ ta' ħaxix inkunu iktar konċisi fejn huwa il-post. Hales qal li ż-żbir beda. | Hales |
| 09 | 2 | 12 | | 08.3.2 | TM: Loading/Unloading Bay fi Triq Salvu Cacciatolo k/m Triq Toni Zahra | Hales informa lil Kunsill li din it-talba ġiet *revised* u issa ġiet aċċettata. | Hales |
| 09 | 2 | 13 | | 08.2.10 | Hales:- Scammels | Hales informa lil Kunsill li meta ikun hemm xi nuqqas mill-iScammels nirrapurtaw dak il-ħin lil kunsillier. | Hales |
| 09 | 2 | 14 | | 08.5.15 | Hales:- Triq E Attard Bezzina | Hales ippropona li isir ftehim bejn ir-residenti għal parking. Il-Kunsill qabel nem.con li għal issa ma jsir xejn. | Sindku |
| 09 | 2 | 15 | | 08.5.26 | Viċi Sindku:- Attivita | Il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li l-ħarġa li kellha isir għal persuni b'diżabilita saret fl-20 ta' Awwissu. | Viċi Sindku |
| 09 | 2 | 16 | | 08.2.2 | Agius:- Ġnien San Girgor | Agius saqsiet kif baqa' il-Kunsill fuq il-kuntrattur tal-ġonna. Is-Sindku informa lil Kunsill li l-kontijiet tal-kuntrattur ġew miżmuma. | Hales |
| 09 | 2 | 17 | | 08.5.19 | Agius:- Child Day Care Centre | Agius infurmat lil Kunsill li nhar l-Erbgħa 16 ta' Settembru ser isir attivita c-Child Day Care Centre għal dawk it-tfal li ser jispiċċaw għax ser imorru il-Kinder. Il-Kunsilliera kollha mistiedna jattendu. | Agius |
| 09 | 2 | 18 | | 08.5.20 | Agius:- Triq il-Madonna tal-Ħniena | Agius fakkret lil Kunsill sabiex isir il-manutenzzjoni fi zona tal-Ħniena. Is-Sindku qal li ser jieħu ħsieb. | Sindku |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 2 | 19 | | 08.5.24 | Agius:- Attivitajiet | Agius infurmat lil Kunsill li l-attivitajiet saru kollha. Hija qalet li l-Kids Club qed ikun suċċess u r-rispons mill-ġenituri huwa tajjeb ħafna. | Agius |
| **09** | **3** | | | | **Korrispondenza** | | |
| Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML07/15. B'riferenza għal: | | | | | | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 09 | 3 | 1 | | 01 | MEPA - PA02872/15 | Il-Kunsill qabel nem.con li jikteb lil MEPA rigward din l-applikazzjoni peress li l-izvilupp jinsab fil-village core. | Segretarju |
| 09 | 3 | 2 | | 02 | MEPA:- PA02920/15 | Il-Kunsill qabel nem.con li jikteb il-MEPA biex insaqsu għaliex il-Kunsill ma jiġix infurmat b'dawn it-tip ta' applikazzjonijiet minn qabel. | Segretarju |
| 09 | 3 | 3 | | 06 | DLG:- Memo 20/2015 | Chircop informa lil Kunsill li l-Kunsillier Chircop għamel lista ta' niċeċ li hawn fiż-Żejtun li b'kollox jammontaw għal 75. | Chircop |
| 09 | 3 | 4 | | 07 | DLG:- Memo 21/2015 | Is-Sindku informa lil Kunsill li skond il-Kunsillier Hales ir-rapporti tal-iskart tal-bulky refuse collection diġa jiġu separati. | Hales |
| 09 | 3 | 5 | | 09 | DLG:- Memo 23/2015 | Is-Sindku informa lil Kunsill li ser isir laqgħa nhar it-Tnjen 14 ta' Settembru ta' qabel il-Baġit fil-lukanda Phoenicia fis-7pm. Il-kunsilliera mistiedena jattendu. | Sindku |
| 09 | 3 | 6 | | 10 | DLG:- Memo 24/2015 | Is-Sindku informa lil Kunsill li nhar l-Erbgħa 30 ta' Settembru fl-Aula Magna tal-Universita ser isir l-għoti taċ-ċertifikati. | Sindku |
| 09 | 3 | 7 | | 11 | DLG:- Interreg MED 2014-2020 Programme | Is-Sindku għadda din il-korrispondenza għall-attenzzjoni tas-Segretarju | Segretarju |
| 09 | 3 | 8 | | 13 | DLG:- Skema korsijiet tal-lifelong learning 2015/2016 | Is-Sindku għadda din il-korrispondenza għall-attenzzjoni tal-Kunsillier Camilleri. | Camilleri |
| 09 | 3 | 9 | | 14 | DLG:- Informazzjoni fuq Memo 16/2015 | Is-Segretarju informa lil Kunsill li għad ma hemmx indikazzjoni meta t-Tenders u l-adjudication ser jiġu online. | Segretarju |
| 09 | 3 | 10 | | 16 | DLG:- Laqgħat mal-Pulizija għall-anzjani | Is-Sindku għadda din il-korrispondenza għall-attenzzjoni tal-Viċi Sindku fejn hi infurmat lil Kunsill li dawn il-laqgħat ser isiru d-Day Centre tal-Anzjani. | Viċi Sindku |
| 09 | 3 | 11 | | 18 | Fondazzjoni Nazareth:- Maratona | Is-Sindku informa lil Kunsill li nhar il-Ħadd 20 ta' Settembru fuq ONE f'siltiet fuq in-NET, ser isir Maratona f'risq Fondazzjoni Nazareth, kulħadd mistieden jattendi | Viċi Sindku |
| 09 | 3 | 12 | | 19 | AKL:- Laqgħa Plenarja | Is-Sindku informa lil Kunsill li nhar 17 ta' Ottubru ser isir Laqgħa Plenarja fejn kulħadd mistieden jattendi. | Segretarju |
| 09 | 3 | 13 | | 21 | Primary Health Care | Is-Sindku għadda din il-korrispondenza lil Kunsilliera Agius għall-attenzzjoni tagħha. | Agius |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 3 | 14 | | 22 | Zejtun Corinthians Youth Nursery | Fenech infurmat lil Kunsill li ż-Żejtun Corinthians talbu permess sabiex iwaħħlu board mal-ħadid ta' Ġnien San Girgor. Il-Kunsill qabel nem.con iżda għandhom jikkonsultaw mas-Sindku. | Fenech |
| **09.** | **4.** | | | | **Ħlasijiet** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 09 | 4 | 1 | | | Tabella tal-Ħlasijiet 09/15 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 09/15 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarju |
| 08 | 4 | 2 | | | Petty Cash | **Il-Kunsill approva nem.con il-Petty Cash li ntefaq fix-xahar ta' Lulju hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €144.16, kif ukoll dak ta' xahar ta' Awwissu li kien jammonta għal €33.92.** | Segretarju |
| 09 | 4 | 3 | | | Talbiet għal Xiri Seduta 09/15 | **Il-Kunsill approva nem.con il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarju |
| 09 | 5 | | | | **Tenders** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 09 | 5 | 1 | | | Architect Service | Il-Kunsill ġie infurmat li għal din it-Tender intefat biss minn Cachia & Assosciates. Il-Kunsill approva nem.con | Segretarju |
| 09 | 5 | 2 | | | Resurfacing ta' toroq | Il-Kunsill ġie infurmat li għal din it-Tender intefgħet waħda minn Silvar Construction & Services. Il-Kunsill approva li naċċettaw, iżda tintalab stima għat-toroq li ser isiru. Il-Kunsill qabel nem.con | Segretarju |
| 09 | 5 | 3 | | | Accountancy Services | Il-Kunsill ġie infurmat li għal din it-tender kellna erba' applikanti. Il-Kunsill qabel li jsir ftehim ma' DACA Accountants għal dan is-servizz. | Segretarju |
| 09 | 5 | 4 | | | Żejt iż-Żejtun | Il-Kunsill ġie infurmat li għal din it-Tender ħadd ma tefa' l-applikazzjoni. Irċevejna biss żewġ kwotazzjonijiet wara li għalqet it-Tender. Il-Kunsill qabel nem.con li din it-tender terġa tinħareġ. | Segretarju |
| 09 | 6 | | | | **Triq Alfred Cachia Zammit** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 09 | 6 | 1 | | | Triq Alfred Cachia Zammit | Is-Sindku informa lil Kunsill li l-WSC iddeċidew li ser jagħdu l-main sewer min-nofs ta' triq minn fejn is-suq sa isfel. Filwaqt li s-servizzi li jaqdu lir-residenti ser ikunu fuq kull naħa ta' triq. Għal dan il-proġett trid tinħareġ tender li tieħu madwar tlett xhur. Hu maħsub li t-triq ser tibda fi 2016. | Sindku |

| Riferenza | | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 7 | | | | **Triq Xrobb l-Għaġin** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 09. | 7 | 1 | | | Triq Xrobb l-Għaġin | Is-Sindku informa lil Kunsill li ma aħniex intitolati napplikaw għal ERDF funds. Il-Kunsill ta' South offra li japplika hu, iżda infurmati li ser isibu problema ukoll | Sindku |
| 09. | 8 | | | | **Rapport Finanzjarju - it-Tieni Kwart** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 09 | 8 | 1 | | | Segretarju | Is-Segretarju qasam ir-rapport finanzarju għat-tieni kwart tas-sena, fejn ta' spejga tax-xogħlijiet, dħul u nfieq li għamel il-Kunsill bejn April u Ġunju 2015. | Segretarju |
| 09 | 9 | | | | **Mozzjonijiet** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 09 | 9 | 1 | | | Chircop:- Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ | Chircop propona sabiex is-Sinjorina Laura Caruana tkun l-ambaxxatriċi taż-żgħażagħ. Il-Kunsill qabel nem.con | Chircop |
| 09 | 9 | 2 | | | Hales:- Ismijiet ta' Toroq | Il-Kunsill qabel li Triq il-Wied tinbidel għal Triq Ħajt il-Wied u li s-Suq jisemma Misraħ is-Suq. Fuq Sqaq l-Industrija peress li hemm triq oħra faċċata tagħha bil-istess isem, il-Kunsill qabel nem.con li dan jingħata l-isem ta' Sqaq il-Qasam Industrijali. | Hales |
| 09 | 10 | | | | **Affarijiet oħra jekk meqjusa urġenti** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 09 | 10 | 1 | | | Fenech:- Skatepark | Fenech infurmat lil Kunsill li hemm bżonn isir il-manutenzzjoni fi Skatepark, kif ukoll fil-ground iż-żgħir hemm bżonn li nduru it-turf u lasti. | Sindku |
| 09 | 10 | 2 | | | Fenech::- Triq id-Daħla ta' San Tumas k/m Triq il-Bħajra | Fenech infurmat lil Kunsill li fi Triq id-Daħla ta' San Tumas k/m Triq il-Bħajra hemm spuction li tranġat temporanjament. | Sindku |
| 09 | 10 | 3 | | | Fenech:- 2 youth workers | Fenech qalet li ser jiġu żewġ youth workers jagħmlu work phase ta' 100 siegħa fil-youth & community. | Fenech |
| 09 | 10 | 4 | | | Fenech:- Proġett ambjentali | Fenech qalet li ser napplikaw għal proġett ambjentali u ser issir mural bit-tappijiet. Is-Sindku propona li dan ma isirx fuq il-ħajt iżda tintuża board. Il-Kunsill qabel nem.con | Fenech |
| 09 | 10 | 5 | | | Hales:- Riforma fi Trasport pubbliku | Hales informa lil Kunsill li b'mod mhux uffiċċjali għax ma hemm xejn bil-miktub, r-riforma fi trasport pubbliku fiż-Żejtun ser tibda fil-11 t'Ottubru u dik għal Mater Dei f'Diċembru. | Hales |
| 09 | 10 | 6 | | | Hales:- Hawkers | Hales issuggerixa li rigward il-hawkers isir bye-law. Il-Kunsill qabel li niddiskutu dan is-suġġet fl-laqgħa oħra. | Segretarju |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 10 | 7 | | | Hales:- Airconditions | Hales ippropona li jinxtraw żewġ airconditions għal ufficcini ta' fuq tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel nem.con | Segretarju |
| 09 | 10 | 8 | | | Hales:- Triq il-Bandolier | Hales informa lil Kunsill li fi Triq il-Bandolier id-double yellow line ġiet approvata mit-TM. Ġie deċiż li quddiem il-garaxx ta' Caruana ser isiru single yellow lines. Is-Sindku saqsa x'ser jiġri fuq in-naħa l-oħra tat-triq? | Hales |
| 09 | 10 | 9 | | | Chircop:- Wirja tal-filatelija | Chircop informa lil Kunsill li l-Wirja tal-Filatelija ser isir fi Sala Gużeppina Curmi. Rigward id-dati tal-ftuħ ser jiġu diskussi mal-Kunsilliera Agius. Ser isir ukoll Wirja ta' Nicċeċ. | Chircop |
| 09 | 10 | 10 | | | Chircop:- Triq l-Isqof Antonio Zahra | Chircop ippropona li fi Triq l-Isqof Antonio Zahra ikun hemm iktar pulizija minħabba l-parking fil-ħin li tispiċċa l-iskola u jekk hux possibli li fil-ħin ta' dħul u l-ħruġ mill-iskola it-triq tingħalaq għat-traffiku. | Sindku |
| 09 | 10 | 11 | | | Chircop:- Kunċert tal-Milied | Chircop informa lil Kunsill li l-Kunċert tal-Milied ser isir fi 30 ta' Diċembru minn New Choral Singers għal prezz ta' €800. Il-Kunsill approva. | Chircop |
| 09 | 10 | 12 | | | Chircop:- Ħofra fi Triq Santu Wistin | Chircop informa lil Kunsill li fi Triq Santu Wistin quddiem Dar Nazareth hemm ħofra perikoluża. Dan hemm kanal tal-ilma li hemm bżonn li isir gradilja. | Sindku |
| 09 | 10 | 13 | | | Chircop:- Dust Bin | Chircop talab lil Kunsill biex isir dust bin fil-pjazza quddiem l-oratorju. | Sindku |
| 09 | 10 | 14 | | | Caruana:- Triq id-Dwiemes | Caruana informa lil Kunsill li ta' Sanita' marru fi Triq id-Dwiemes biex jagħmlu l-valenu iżda xorta għad hemm il-problem tal-ġrieden. Huwa issuġġerixxa li jekk il-Kunsill jistax isir jaf l-għalqa ta' min hi u jekk il-fili l-kbar jistgħux jingħalqu. | Sindku |
| 09 | 10 | 15 | | | Caruana:- Kamra ta' Dispatchers | Caruana saqsa fuq il-kamra ta' dispatchers. Is-Sindku informa lil Kunsill li dik qeda magħluqa bil-katnaż u li dik mhux propjeta tal-Kunsill. | |
| 09 | 10 | 16 | | | Caruana:- Triq Toni Zahra | Caruana propona li fi Triq Toni Zahra ħdejn id-Delmus garaxx jinżebgħu l-linji. | Hales |
| 09 | 10 | 17 | | | Camilleri:- Korsijiet ta' Tfal | Camilleri informa lil Kunsill li ż-żewġ korsijiet ta' tfal li saru fi sajf issa spiċċaw u li ntlaqgħu tajjeb ħafna. Huwa qal li jekk ikun hemm it-talba għalihom jistgħu isiru fi xitwa ukoll. | Camilleri |
| 09 | 10 | 18 | | | Camilleri:- Arti u Artiġjanat | Camilleri talab lil Kunsill sabiex isir tindif fl-Arti u Artiġjanat għax qed ikun hemm ħafna nemus. Huwa talab ukoll sabiex isir it-tiswija tal-katusi. | Sindku |
| 09 | 10 | 19 | | | Camilleri:- Triq Wied il-Għajn | Camilleri talab lil Kunsill biex fejn infetaħ l-isqaq fi Triq Wied il-Għajn isir bozza. | Sindku |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 10 | 20 | | | Agius:- Ġbir ta' skart | Agius qalet li l-ħin tal-ġbir tal-iskart mhux qed ikun dejjem l-istess ħin. Il-Kunsill qabel li għandha isir laqgħa mal-kuntrattur. | Hales |
| 09 | 10 | 21 | | | Agius:- One Way fi Triq l-Għadam | Agius saqsiet fuq il-One Way sign li twaħħal fi Triq l-Għadam. Il-Kunsill qabel li niktbu lil Transport Malta. | Segretarju |
| 09 | 10 | 22 | | | Agius:- Triq Sir Paul Boffa | Agius infurmat lil Kunsill li Triq Sir Paul Boffa kienet qed tkun mingħajr dawl. Il-Kunsill qabel li jsir rapport. | Segretarju |
| 09 | 10 | 23 | | | Agius:- Magħsar ta' wara l-Knisja | Agius talbet lil Kunsill sabiex nirranġaw il-magħsar li hemm wara l-Knisja. Il-Kusnill qabel nem.con | Sindku |
| 09 | 10 | 24 | | | Viċi Sindku:- Żjara fi Zejtun Home | Il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li l-bieraħ 9 ta' Settembru iż-żgħażagħ flimkien mal-Kunsilliera Fenech għamlu ~~żjara~~ attivita' fi Zejtun Home fejn ferrħu l-anzjani | Viċi Sindku |
| 09 | 10 | 25 | | | Viċi Sindku:- Ħarġa għal Jum Dinji tal-Anzjani | Il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li nhar is-17 ta' Settembru ser isir ħarġa għal Jum Dinji tal-Anzjani | Viċi Sindku |
| 09 | 10 | 27 | | | Viċi Sindku:- Bring in Site | Il-Viċi Sindku proponiet sabiex isir bring in site fi Zejtun Home. Il-Kunsill qabel li nagħmlu it-talba tagħna lil Greenpak. | Segretarju |
| 09 | 10 | 28 | | | Viċi Sindku:- Ġnien Brejġu | Il-Vici Sindku talbet sabiex isir dust bin fi Ġnien Brejġu. | Sindku |
| 09 | 10 | 29 | | | Viċi Sindku:- Triq Ħabel ix-Xgħir | Il-Viċi Sindku talbet lil Kunsill biex isir re-surfacing ta' Triq Ħabel ix-Xgħir | Sindku |
| 09 | 10 | 30 | | | Viċi Sindku:- Qasam Ta' Ganza | Il-Viċi Sindku infurmat lil Kunsill li l-Amministrattur ta' Blk D ta' Qasam Ta' Ganza mhux x'ser jibqa f'din il-kariga. Is-Sindku qal li l-Gvern ser jirrivedi l-iskema. | |
| 09 | 10 | 31 | | | Sindku:- Triq it-Tuss | Is-Sindku informa lil Kunsill li Triq it-Tuss ser tingħata wiċċ ġdid | Sindku |
| 09 | 10 | 32 | | | Hales:- Ġnien San Girgor | Hales informa lil Kunsill li nhar is-Sibt 19 ta' Settembru, il-Ġnien ġie mikri għal attivita privata | Hales |
| 09 | 10 | 33 | | | Sindku:- Impjegata Kathleen Dimech | Is-Sindku informa lil Kunsill li saru l-interviews u l-Bord unanimament irrakomanda li tiġi li tiġi impjegata Kathleen Dimech bħala Casual Worker. Il-Kunsill qabel nem.con | Segretarju |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.25pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 1 ta' Ottubru, 2015 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| Joe Attard | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |